MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 384/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Micallef)**
**Vs**
**Kevin Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli
Fit-12 ta' Dicembru, 2008, gewwa Pjazza 5 t'Ottubru, Msida, matul il-jum, ikkommetta serq ta' vettura tat-tip Chevrolet Kalos, bin-numru tar-registrazzjoni DBK 462, liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37c), u li sehh ghad-detriment ta' Avis Car Hire ta' l-Imsida;
Ikkommetta reat li ghaih piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza datata d-29 ta' Mejju, 2006;

Kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu fis-16 ta' Jannar, 2007, mill-Qorti ta' Malta;
Sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Dicembru, 2008, li biha, wara li rat id-dikjarazzjoni bikrija tal-appellat bil-fakulta' moghtija bl-artikolu 21 tal-Kap. 9, kif ukoll l-artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 279, 49, 50, 289, 28A u 17 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22 tal-Kap. 446, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' zmien xahar u rrakkomandat li f'dan iz-zmien l-appellat jattendi ghal programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb.
Ordnat li kopja ta' din is-sentenza w atti jintbaghtu lill-Avukat Generali.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn infliggiet piena ta' xahar prigunerija w minflok tinfliggi l-piena kontra tieghu skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant Avukat Generali li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma kellhix tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 fejn giet erogata piena anqas mill-minimu taghha fil-kaz inezami izda kellha tkun erogata piena skond l-artikoli 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat

Illi l-aggravju tal-appellant jidher gustifikat ghaliex l-Ewwel Qorti meta applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali b'ebda mod ma semmiet u specifikat ir-ragunijiet **specjali w straordinarji** li wassluha biex applikat dan il-provvediment u, inqas u inqas, ma semmiet bir-reqqa kollha dawn ir-ragunijiet fis-sentenza appellata.

Illi r-raguni accennata mid-difiza tal-appellat quddiem din il-Qorti w cioe' li hu ghandu l-vizzju tax-xorb zgur li m'hiex raguni specjali w straordinarja li ghandha twassal ghall-applikazzjoni tal-artikolu 21. L-anqas ukoll ma hi raguni specjali w straordinarja l-ammissjoni bikrija tal-appellat u dana ghaliex ir-ragunijiet specjali w straordinarji iridu jkunu intrinsici ghall-kommessjoni tar-reat innifsu bhala ma huma sitwazzjonijiet ta' emergenza, ta' forza magguri, ecc.

Ghalhekk taht kull aspett ma jirrizultax li seta' jigi applikat dan il-provvediment biex il-Qorti tinzel taht il-minimu ta' piena preskritta mill-Ligi.

Illi l-piena ghal serq aggravat bil-valur skond l-artikolu 279(b) hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn tlettax il-xahar sa seba' snin u skond l-artikolu 280(1) meta s-serq ikkwalifikat bil-valur ikun akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki l-ohra, izda mhux b'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-hati jehel il-piena fuq imsemmija izda din ma tinghatax fil-minimu taghha w dana jfisser, skond l-artikolu 20 tal-Kap. 9, li l-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghal-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum (13 il-xahar) u l-maximum (7 snin). Dan igib piena minima ta' tlieta w ghoxrin xahar u ghoxrin gurnata prigunerija.

Inoltre, f'dan il-kaz, la darba l-hati ammetta wkoll ir-recidiva, din il-piena tista', fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tizdied bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qieset li mill-fedina penali tal-appellat jirrizulta li hu diga' nstab hati fuq reati ta' serq darbtejn u darba minnhom kien inghata piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u darb'ohra gie liberat bil-kondizzjoni li ma

jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u dana apparti reat iehor li ghandu x'jaqsam ma trasferiment ta' vettura.

Inoltre, in vista tar-recidiva din il-Qorti, skond l-artikolu 28(A)(7)(b), hija prekluza milli f'dan il-kaz tapplika provvediment ta' sentenza sospiza w dana anki ghaliex ir-reat in dizamina sar fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata lilu moghtija b'sentenza fis-16 ta' Jannar, 2007.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat, fuq ammissjoni tieghu, hati tal-imputazzjoni w tal-addebiti tar-recidiva, ta' ksur tas-sentenza sospiza w ta' ksur ta' liberazzjoni kondizzjonata dedotti kontra tieghu, w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-hati ghal xahar prigunerija w fejn ordnat lill-appellat li jattendi ghall-programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tax-xorb u minflok tikkundanna lill-appellat ghall-piena ta' erba' w ghoxrin (24) xahar prigunerija b'dana li tirrakomanda lid-Diretturu tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li fil-limiti tal-possibbli jghin lill-appellat biex johrog mill-vizzju tax-xorb.

Inoltre tordna li kopji ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif preseduti mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna w mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima biex jittrattaw mall-appellat fir-rigward tas-sentenza minnhom moghtija rispettivament fid-29 ta' Mejju, 2006 u fis-16 ta' Jannar, 2007, fid-dawl ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------